# WASALT FID-DESTINAZZJONI TIEGĦEK

Qatt smajt l-istorja tal-Għorrief li mxew wara stilla li uriethom fejn kien Ġesù?

Dawn  l-Għorrief li kienu wkoll Slaten riedu jsibu lir-Re tar-Rejiet biex jagħtuh qima u joffrulu 3  rigali li kienu jixirqu lil sultan. Ipprova immaġina lil dawn it-3 slaten ifittxu lil Ġesù llum  billi jużaw il-GPS? Jekk jaslu fid-dar tiegħek, f'qalbek, f'moħħok u f'ħajtek ser jisimgħu  l-GPS javżhom li waslu fid-destinazzjoni tagħhom? Sejrin isibu lil Ġesù f'qalbek, f'moħħok u  f'ħajtek?

- Ħu ftit ħin biex taħseb kif ser turi lit-tlitt slaten u lil kulħadd li Ġesù jinsab f'qalbek,  f'moħħok u f'ħajtek.
- Ħu biċċa playdough u għamel forma ta' qalb. Din il-qalb ser tirrapreżenta lil qalbek.
- Issa poġġi l-pastur ta' Ġesù Bambin jew il-karta/stampa ta' Ġesù Bambin fin-nofs ta'  din il-qalb.
- Itlob lil Alla jgħinek sabiex permezz ta' dak li int, tgħid u tagħmel, l-oħrajn jiskorpu lil  Ġesù.